MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Numru 2/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Frangisk Fenech**

(Att ta' Akkuza 2/2007)

Illum, 27 ta' Novembru 2008

**Il-Qorti:**

**1.** Din hi sentenza wara rikors ta' appell intavolat mill-akkuzat Frangisk (Frangisku) Fenech fil-11 ta' April 2008

minn sentenza preliminari moghtija mill-Qorti Kriminali fit-8 ta’ April 2008.

**2.** Fenech jinsab akkuzat bit-tentattiv ta’ omicidju volontarju ta’ John Pace (l-ewwel kap tal-Att ta’ Akkuza), talli spara arma tan-nar f’post abitat jew fi qrib tieghu jew fit-toroq pubblici (it-tieni kap), kif ukoll talli minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f’idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu (it-tielet kap).

**3.** L-Att ta’ Akkuza gie notifikat lill-akkuzat fit-22 ta’ Jannar 2007. Permezz ta’ nota pprezentata fid-9 ta’ Frar 2007 l-akkuzat eccepixxa l-inammissibilita` ta’ zewg xhieda tal-prosekuzzjoni – James Claridge u l-ex Spettur tal-Pulizija Dennis Balzan. Fil-25 ta’ Frar **2008** hu pprezenta rikors fil-Qorti Kriminali li permezz tieghu talab li huwa jkun jista’ jipproduci bhala prova fil-guri kopja tas-sentenza ta’ dik l-istess qorti tas-26 ta’ Frar 2007 fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta’ Malta v. John Pace*, kif ukoll kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (cioe` ta’ din il-Qorti) tal-14 ta’ Gunju 2007 fl-istess ismijiet. Talab ukoll li jipproduci bhala xhud lir-Registratur tal-Qrati jew rappresentant tieghu ghall-konferma taz-zewg sentenzi, kif ukoll li tigi ezibita l-fedina penali aggornata ta’ John Pace – l-allegat vittma skond l-ewwel kap tal-Att ta’ Akkuza – jew alternattivament li l-Kummissarju tal-Pulizija jigi ordnat jipprovdi lid-difensuri tieghu b’kopja tal-fedina penali aggornata ta’ l-imsemmi Pace.

**4.** Il-Qorti Kriminali ddisponiet minn dawn il-kwistjonijiet b’sentenza moghtija, kif inghad, fit-8 ta’ April 2008. Il-parti relevanti ta’ dik is-sentenza tghid hekk:

“B’nota tad-9 ta’ Frar 2007 l-akkużat ressaq dawn l-eċċezzjonijiet preliminari:
1. ix-xhud James Claridge (xhud tal-prosekuzzjoni) ma huwiex ammissibbli għall-prova ta’ l-identità għall-għanijiet tal-prova dwar ir-reċidiva għax la kien uffiċjal prosekutur u lanqas kien b’xi mod ħa sehem fil-prosekuzzjoni; u

2. l-*ex*-Spettur tal-Pulizija Dennis Balzan (xhud tal-prosekuzzjoni) ukoll ma huwiex ammissibbli għax, kif qal hu stess, minħabba l-mogħdija ta' żmien hu ma jiftakar xejn dwar il-proċeduri.

"B'rikors ippreżentat fil-25 ta' Frar 2008, l-akkużat talab illi l-qorti:

(a) tawtorizzah jipproduċi bħala dokument is-sentenza mogħtija minn din il-qorti nhar is-26 ta' Frar 2007 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta *versus* John Pace** (Att ta' Akkuza nru 2/2006);

(b) tawtorizzah jipproduċi bħala dokument is-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Ġunju 2007 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta *versus* John Pace** (Att ta' Akkuza nru 2/2006);

(c) tawtorizzah jipproduċi bħala xhud lir-Reġistratur tal-Qrati (u/jew rappreżentant/i tiegħu) sabiex jikkonfermaw iż-żewġ sentenzi fuq imsemmija;

(d) tawtorizzah jipproduċi bħala xhud lill-Kummissarju tal-Pulizija (jew rappreżentant tiegħu) sabiex jesebixxi kopja tal-fedina penali aġġornata ta' 1-istess John Pace; u

(e) sussidjarjament għat-talba (d) hawn fuq, tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jipprovdi lid-difensuri ta' l-esponent b'kopja tal-fedina penali aġġornata ta' John Pace.

"L-Avukat Ġenerali wieġeb fit-3 ta' Marzu 2008 u qal illi f'dan l-istadju ma humiex ammissibbli provi ġodda.

"Din is-sentenza tallum hija dwar l-eċċezzjonijiet preliminari ta' l-akkużat u dwar ir-rikors tal-25 ta' Frar 2008.

*"Dwar l-ammissibbilità bħala xhud ta' James Claridge*

"L-ewwel eċċezzjoni tgħid illi James Claridge ma huwiex ammissibbli bħala xhud għax ma kienx ħa sehem bħala prosekutur jew b'xi mod ieħor fil-prosekuzzjoni li wasslet għas-sentenzi msemmija fl-att ta' l-akkuża.

"James Claridge huwa xhud ta' l-identità għall-għanijiet tar-reċidiva. Meta xehed quddiem il-Maġistrat fit-23 ta' Settembru 2005[1] qal illi, għalkemm ma kienx l-uffiċjal prosekutur, kien ħa sehem bħala uffiċjal tal-pulizija fl-

---

1 *Foll.* 384 *et seqq.*

investigazzjzonijiet u l-proċeduri li wasslu għas-sentenza ta' l-4 ta' Frar 1964.

"Dan ix-xhud għalhekk għandu informazzjoni utli u relevanti, u għandu jinstema'.

"L-ewwel eċċezzjoni preliminari hija għalhekk miċħuda.

*"Dwar l-ammissibbilità bħala xhud ta' Dennis Balzan*

"It-tieni eċċezzjoni tgħid illi Dennis Balzan ma huwiex ammissibbli bħala xhud għax stqarr illi ma jiftakar xejn dwar il-proċeduri li wasslu għas-sentenzi msemmija fl-att ta' l-akkuża. Tassew illi meta xehed quddiem il-Maġistrat fit-30 ta' Ġunju 2005[2] Dennis Balzan xehed illi ma jaf xejn. Madankollu, dan jolqot l-utilità tax-xhud mhux l-ammissibbilità tiegħu. Barra minn hekk, għalkemm forsi mhux probabbli, huwa wkoll possibbli illi dan ix-xhud jasal biex jiftakar, aktar u aktar meta tqis illi l-każ li dwaru ssejjaħ biex jixhed kien ta' tentativ ta' omiċidju u mhux ta' xi reat komuni "ta' kuljum". L-agħar li jista' jiġri hu li x-xhud jibqa' ma jiftakarx u jittella' għalxejn, iżda din ma hijiex raġuni għala jitqies *a priori* inammissibbli.

''It-tieni eċċezzjoni preliminari wkoll hija għalhekk miċħuda.

*"Dwar ir-rikors tal-25 ta' Frar 2008.*

"Ngħaddu issa biex inqisu r-rikors tal-25 ta' Frar 2008.

"Tassew illi, kif igħid l-Avukat Ġenerali fit-tweġiba tiegħu, issa li għalaq iż-żmien mogħti fl-art. 438 tal-Kodiċi Kriminali, u ma hemmx iċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 406 ta' l-istess Kodiċi, ma jistgħux jitressqu provi ġodda. Għal din ir-raġuni, it-talbiet magħmula fil-para. (d) u (e) tar-rikors ma jistgħux jintlaqgħu.

"Is-sentenzi msemmija fil-para. (a), (b) u (ċ), iżda, ngħataw meta kien ġà għalaq iż-żmien mogħti fl-art. 438 u għalhekk ma setgħux jissemmew fin-nota li kellha ssir skond l-art. 438(2)(ii) tal-Kodiċi Kriminali.

"Il-qorti, iżda, hija tal-fehma illi s-sentenzi li jrid iressaq xhieda dwarhom l-akkużat ma humiex ammissibbli kemm għax il-provi f'dawn il-proċeduri għandhom isiru permezz tax-xhieda li jinstemgħu matul il-proċeduri stess, u mhux b'referenza għal dak li irriżulta waqt proċeduri oħra, u kif ukoll għax dawk is-sentenzi jistgħu jkollhom influwenza indebita fuq il-ġurati li jiddeċiedu dwar il-fatti fil-proċeduri

---

2 *Foll.* 369 *et seqq.* u *fol.* 378.

tallum. Tassew illi l-akkużat stqarr illi x'aktarx illi jagħżel illi dawn il-proċeduri jinstemgħu bla ġurati, iżda din l-għażla għadha ma saritx u tista' wkoll ma ssirx. Barra minn hekk, ir-regoli dwar ammissibbilità ta' provi ma jiddependux fuq jekk id-deċiżjoni dwar il-fatti titteħidx minn imħallef togat jew minn ġurati.
"Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad it-talbiet magħmula bir-rikors tal-25 ta' Frar 2008.
"Tiddifferixxi il-kawża *sine die* sakemm ikun magħruf kif ikun inqata' xi appell eventwali u – jekk ma jsirx appell, jew wara li jinqata' l-appell – sabiex il-kawża tiġi appuntata għas-smigħ skond meta jmissha t-turn tagħha skond il-liġi .
"Sadanittant l-akkużat jibqa' fl-istess stat li hu għal dak li jirrigwarda l-libertà provviżorja."
**5.** Ghalkemm fl-appell tieghu, li, kif inghad, gie pprezentat fil-11 ta' April 2008, l-appellant Fenech appella kemm mic-cahda tal-eccezzjoni preliminari tieghu fir-rigward tax-xhud James Claridge kif ukoll mic-cahda tat-talbiet maghmula bir-rikors tal-25 ta' Frar 2008, fl-udjenza quddiem din il-Qorti tad-19 ta' Settembru 2008 l-abbili difensuri tal-appellant – Dott. Joseph Mifsud u Dott. Philip Galea Farrugia – irtiraw l-ewwel aggravju referibbilment ghax-xhud Claridge, b'mod ghalhekk li l-appell issa huwa limitat biss ghall-kwistjoni tas-sentenzi moghtija fir-rigward ta' John Pace u ghall-fedina penali ta' l-istess Pace.
**6.** L-ewwel qorti cahdet it-talba ghall-produzzjoni tal-fedina penali ta' John Pace kif ukoll it-talba ghalbiex il-Kummissarju tal-Pulizija jigi ordnat jaghti kopja tal-fedina penali ta' l-istess Pace lid-difensuri tal-akkuzat ghar-raguni li din it-talba saret tardivament u cioe` wara li kien skada z-zmien imsemmi fl-Artikolu 438(2) tal-Kodici Kriminali, u ghamlet referenza wkoll ghall-Artikolu 406 tal-istess Kodici. Bid-dovut rigward lejn dik il-Qorti, l-Artikolu 406 ma jiccentra xejn fil-kwistjoni. L-artikolu tal-ligi li kellha tara l-Qorti – u li anke l-Avukat Generali missu, b'lejalta`, indikalha – kien l-Artikolu 440 tal-Kap. 9. Dan l-artikolu dejjem gie interpretat fis-sens li provi godda dejjem jistghu jingiebu mill-partijiet, cioe` anke wara li jkun skada t-terminu imsemmi, basta li l-Qorti tkun sodisfatta li l-prova tkun <u>relevanti</u> – u ghalhekk mhux biss ammissibbli, li hu l-uniku kriterju li ghandu jigi meqjus ghall-finijiet tas-

subartikoli (2)(i) u (3) tal-Artikolu 438 imsemmi – kif ukoll li l-parti l-ohra ma tkunx batiet hsara billi l-prova ma tkunx giet moghtija fin-nota msemmija fl-Artikolu 438(2) jew ma tkunx giet prezentata fiz-zmien specifikat fl-imsemmi artikolu. Il-gurisprudenza dejjem irriteniet li l-"hsara" hawn imsemmija tikkonsisti fl-element ta' sorpriza u inabilita` li wiehed jikkontrolla dwar dik il-prova gdida, liema hsara tista' tigi evitata billi semplicement jinghata differiment, anke wiehed qasir hafna.

**7.** Issa, ma jistax ikun hemm dubju li f'kaz fejn si tratta specjalment ta' akkuzi li jirrigwardaw offizi fuq il-persuna, il-fedina penali tal-vittma mhux biss hi dokument ammissibbli, izda tista' tkun relevanti ghall-finijiet tar-reputazzjoni generali li dik il-persuna seta' kellha – ara *passim* is-sentenzi ta' din il-Qorti, diversament komposta, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Louis sive Lewis Bartolo** 2/11/1981, u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Martina Galea** 9/11/1982. Tista' tkun relevanti ghall-finijiet ta' kontroll ta' dak li jghid ix-xhud John Pace. S'intendi dan qed jinghad interament bla pregudizzju ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 459A tal-Kap. 9, u specjalment il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tieghu. Ghalhekk ma jistax ikun hemm dubju li l-fedina penali ta' John Pace ghandha tigi ammessa bhala prova; u biex ma jkunx hemm sorprizi ghal hadd, ghandha anke tintlaqa' it-talba ghalbiex il-Kummissarju tal-Pulizija jigi ordnat jipprovdi kopja ta' din il-fedina penali lid-difensuri tal-appellant qabel il-guri.

**8.** Il-Qorti, pero`, ma tara ebda relevanza li jista' jkollhom is-sentenzi tal-Qorti Kriminali u tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fil-konfront ta' John Pace fis-26 ta' Frar 2007 u fl-14 ta' Gunju 2007. Dawn is-sentenzi jirrigwardaw proceduri ohra (ghalkemm l-incident kien l-istess wiehed, cioe` skambju ta' sparar bejn Pace u Fenech). Dawk is-sentenzi huma essenzjalment il-frott ta' l-opinjoni tal-gurati u tal-Imhallef/Imhallfin dwar il-fatti kif jirrizultaw minn dawk il-proceduri l-ohra, meta fil-proceduri odjerni l-fatti li jirrizultaw jistghu jkunu differenti jew jigu apprezzati b'mod differenti. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward, "…il-provi f'dawn il-proceduri ghandhom isiru permezz tax-xhieda li jinstemghu matul il-

proceduri stess, u mhux b'referenza ghal dak li rrizulta waqt proceduri ohra…".

**9.** Ghall-motivi premessi, tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti: (a) thassarha u tirrevokaha in kwantu cahdet it-talba ghall-produzzjoni, bhala prova, tal-fedina penali ta' John Pace kif ukoll in kwantu cahdet it-talba ghalbiex il-Kummissarju tal-Pulizija jkun ordnat jipprovdi lid-difensuri ta' Frangisk Fenech b'kopja tal-fedina penali aggornata ta' dan John Pace, u minflok tilqa' dawn iz-zewg talbiet u ghalhekk tammetti bhala xhud lill-Kummissarju tal-Pulizija jew rapprezentant tieghu sabiex jezibixxi kopja tal-fedina penali aggornata ta' John Pace, kif ukoll tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex, fi zmien hmistax-il jum mil-lum jipprovdi kopja ta' din il-fedina penali lid-difensuri tal-appellant odjern; u (b) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Tordna notifika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija. Fl-ahharnett tordna li l-atti jigu rimessi lill-Qorti Kriminali ghall-kontinwazzjoni tal-proceduri skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------